**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 117/2017**

**Illum: 13 ta' Ottubru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Jamal Osman Humed**
**ID: 115821(A)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jamal Osman Humed, iben Osman u Fatima Mohamed, imwieled l-Eritreja nhar l-1 ta' Frar 1991 u residenti gewwa 22, Triq Felic, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` numru 115821(A);

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Awwissu 2017 bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (13:00 hrs – 15:00 hrs), gewwa Xatt il-Mollijiet, Marsa u f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis*, kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Asmeron Ayneta Haile u Abdi Hassan Ali sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli ghamel lil Asmeron Ayneta Haile u Abdi Hassan Ali ingurji jew theddid, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghtija nhar it-3 ta' Awwissu 2017, mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

7. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Asmeron Ayneta Haile u Abdi Hassan Ali bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2017, il-Prosekuzzjoni rtirat is-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga'jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Fir-rigward tas-seba' imputazzjoni, madankollu, minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghall-istess, mill-atti ma jirrizultax illi l-imputat jista' jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, izda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-imsemmi Kapitolu. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza (a fol. 16 sa 18 tal-process) moghtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Jamal Osman Humed' datata 3 ta' Awwissu 2017, mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern u ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi dik is-sentenza inghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' mitejn Euro, li kellha tithallas minnu fi zmien xahar u in oltre il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza li ghaliha huwa gie kkundannat permezz ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' April 2016, gie estiz sabiex b'hekk dan kellu jibda jiddekorri mill-gdid mid-data tal-istess sentenza. Ghalhekk meta l-imputat gie mressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni nhar it-18 ta' Awwissu 2017, huwa kien ghadu fiz-zmien li jhallas il-multa inflitta fuqu (li kif inghad kellha tithallas fi zmien xahar) – u ma jirrizultax mill-atti illi din giet imhallsa ossia skontata – apparti wkoll illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza kien ghadu ghaddej, kif fil-fatt ghadu ghaddej illum. Mill-fedina penali tal-imputat, imbaghad, jirrizulta illi huwa nstab hati, minn din il-Qorti kif diversament preseduta, taht l-Artikoli 85, 86 u 221(1) tal-Kap. 9, f'okkazzjoni ohra f'April 2016 u gie kkundannat ghal piena ta'

prigunerija sospiza. Il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza gie estiz permezz tas-sentenza tat-3 ta' Awwissu 2017, fuq imsemmija. Ghalhekk stante li ma jirrizultax illi l-imputat skonta (jew gew mahfura) l-pieni li ghalihom gie precedentement ikkundannat, il-Qorti ma tistax titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 50, izda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Tqis ukoll madankollu, illi l-ahhar kundanna tal-imputat tirreferi proprju ghat-3 ta' Awwissu 2017 u ghalhekk ftit tal-jiem qabel huwa tressaq quddiem il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni. L-imputazzjonijiet f'dak il-kaz kienu pjuttost simili ghal dak tal-kaz odjern, ghajr ghall-imputazzjoni li permezz taghha huwa gie akkuzat talli kkaguna feriti ta' natura hafifa. Tqis ukoll in-natura tar-reati li dwarhom l-imputat instab hati u gie kkundannat permezz tas-sentenza tat-18 ta' April 2016, kif rizultanti mill-fedina penali tieghu.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-piz tas-sustanza in kwistjoni kien inqas minn 3.5 grammi. Ghaldaqstant, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal fini ta' piena, qieset ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17, 49, 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati ta' dik il-parti tas-seba' imputazzjoni li tirreferi ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u tilliberah minnha, fil-waqt illi, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames imputazzjonijiet u dik il-parti tas-seba' imputazzjoni li tirreferi ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-penali ta' hamsin Euro (€50), fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ghall-piena ta' multa ta' mija, sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema multa ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum, u fir-rigward tar-rimanenti, ghall-piena ta' xahrejn detenzjoni, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-espert mahtur f'dawn il-proceduri, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ghadu ma espletax l-inkarigu lilu moghti u ghaldaqstant, ma gewx inkorsi spejjez.

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu li ma jkellimx la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett, ma javvicinax u ma jivvessa bl-ebda mod lil Asmeron Ayneta Haile (ID 0102583(A)) u lil Abdi Hassan Ali (ID 0047184(A) u dan taht penali ta' sitt mitt Euro (€600), liema obbligu jibqa' fis-sehh ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza, Dokument MF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat